MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Numru. 1300/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Michael Borg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Michael Borg ta’ 38 sena, bin il-mejjet Carmelo u Carmela nee’ Caruana, imwieled Pieta’ fl-1 ta’ Frar, 1975, residenti fil-fond numru 36, Triq Salvatore Imbroll, Paola u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 98875M.

Akkuzat talli f' Mejju 2013 f' dawn il-Gzejjer, zamm f' xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fiddintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjoni elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenzja.

U aktar talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b' kull mod li kien, indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema haga kienet gejja minn wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Frar, 2015 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kif ukoll il-fatt li huwa ikkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li t-tieni mputazzjoni hija mezz ghall-fini tal-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 17 u 344 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tminn (8) xhur prigunerija li b’ applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigi sospizi ghall-perjodu ta’ sentejn (2) millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma’ kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------